Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Ottubru 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent – Dritt ta' azzjoni legali kontra deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni – Rekwiżit ta' proċedura ta' spiża li ma tiswiex tant li tkun projbittiva – Kunċett – Applikazzjoni *ratione temporis* – Effett dirett – Effett fuq deċiżjoni nazzjonali ta' tassazzjoni ta' spiża li saret definittiva"

Fil-Kawża C-167/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda), permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Marzu 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' April 2017, fil-proċedura

**Volkmar Klohn**

vs

**An Bord Pleanála,**

fil-preżenza ta':

**Sligo County Council,**

**Maloney and Matthews Animal Collections Ltd,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, Viċi President, li qed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, J.-C. Bonichot (Relatur), A. Arabadjiev, E. Regan u C.G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-22 ta' Frar 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal V. Klohn, minnu stess u minn B. Ohlig, advocate,

– għall-An Bord Pleanála, minn A. Doyle, solicitor, u minn B. Foley, BL,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

– għall-Irlanda, minn M. Browne, G. Hodge u A. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn M. Gray, H. Godfrey, BL u R. Mulcahy, SC,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Zadra, G. Gattinara u J. Tomkin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2018,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248), kif emendata mid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 85/337 emendata").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Volkmar Klohn u l-An Bord Pleanála (il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar, l-Irlanda) (iktar 'il quddiem il-"Bord") dwar il-piż tal-ispejjeż tal-proċeduri ġudizzjarji li V. Klohn beda kontra l-permess tal-bini maħruġ mill-Bord għall-bini, f'Achonry, fil-County Sligo (il-Kontea ta' Sligo) (l-Irlanda), stabbiliment ta' spezzjoni tal-annimali misjuba mejta fit-territorju kollu Irlandiż.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt internazzjonali*

3 Il-preambolu tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għat-Tagħrif, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Tiswir tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f'Materji Ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2006, L 164M, p. 17, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Aarhus"), jipprevedi:

"[…]

Wara li rikonoxxew li kull persuna għandha d-dritt li tgħix f'ambjent xieraq għas-saħħa u l-ġid tiegħu jew tagħha, u d-dmir, kemm individwali u f'assoċjazzjoni ma' oħrajn, li tħares u ttejjeb l-ambjent għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri;

Filwaqt li jikkunsidraw li, sabiex ikunu f'pożizzjoni li jasserixxu dan id-dritt u josservaw dan id-dmir, iċ-ċittadini għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni, ikunu intitolati li jipparteċipaw fil-proċess deċiżjonali u jkollhom aċċess ġudizzjarju fi kwistjonijiet ambjentali, filwaqt li jirrikonoxxu li ċ-ċittadini jista' jkollhom il-bżonn ta' assistenza sabiex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom;

[…]

Filwaqt li jinsabu mħassba li mekkaniżmi ġudizzjarji effettivi għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku, inklużi l-organizzazzjonijiet, sabiex l-interessi leġittimi tiegħu jkunu protetti u l-liġi tiġi infurzata;

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4 L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta’ Aarhus, intitolat “Għan”, jipprevedi:

“Għal finijiet ta’ kontribuzzjoni għall-ħarsien tad-dritt ta’ kull persuna ta’ ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, li tgħix f’ambjent xieraq sabiex jiżgura s-saħħa u l-benesseri tiegħu, kull Parti għandha tiggarantixxi d-drittijiet ta’ aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali b’mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta’ din il-konvenzjoni.” [traduzzjoni mhux uffiċjali].

5 L-Artikolu 3 ta’ din il-konvenzjoni, intitolat “Dispożizzjonijiet ġenerali”, jipprevedi fil-paragrafu 8 tiegħu:

“Kull parti għandha tiżgura li l-persuni li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ta’ din il-konvenzjoni ma jiġu bl-ebda mod ippenalizzati, ippersegwitati jew suġġetta għal miżuri vessatorji minħabba l-involviment tagħhom. Din id-dispożizzjoni ma tippreġudikax is-setgħat tal-qrati nazzjonali li jattribwixxu spejjeż ta’ ammont raġonevoli fil-proċeduri ġudizzjarji.” [traduzzjoni mhux uffiċjali].

6 L-Artikolu 9 tal-imsemmija konvenzjoni, intitolat “Aċċess għall-ġustizzja”, jipprevdi:

“1. “Kull Parti għandha, fil-qafas tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, tiżgura li kwalunkwe persuna li tikkunsidra li t-talba tagħha għal informazzjoni taħt l-Artikolu 4 ma ttiħditx inkunsiderazzjoni, ġiet irrifjutata b’mod żbaljat, kemm jekk parzjalment jew totalment, imwieġba b’mod inadegwat, jew bi kwalunkwe mod li ma huwiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta’ dak l-artikolu, għandha l-possibbiltà li tippreżenta rikors quddiem qorti tal-liġi jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi. […]

2. Kull parti għandha tiżgura li, fil-qafas tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, il-membri tal-pubbliku kkonċernat

a) li jkollhom interess ġuridiku suffiċjenti, jew, alternattivament,

b) li jinvokaw il-ksur ta’ dritt, meta l-liġi proċedurali amministrattiva ta’ Parti teħtieġ dan bħala prekundizzjoni, ikollhom aċċess għal proċedura ta’ stħarriġ quddiem qorti tal-ġustizzja u/jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi, biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 u, fejn hu hekk previst mil-liġi nazzjonali u bla ħsara għall-paragrafu 3 iktar ’il quddiem, ta’ dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn ta’ din il-Konvenzjoni.

Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u ksur ta’ dritt għandu jiġi ddeterminat skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali u f’konformità mal-għan li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess ġudizzjarju wiesa’ fil-kuntest ta’ din il-konvenzjoni. Għal dan l-għan, l-interess ta’ kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 2, għandu jitqies li jkun biżżejjed għall-fini tas-subparagrafu (a) iktar ’il fuq. L-imsemmija organizzazzjonijiet għandhom ukoll jitqiesu li għandhom drittijiet li jistgħu jkunu suġġett ta’ ksur għall-finijiet tal-punt (b) iktar ’il fuq.

[…]

3. Barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri ta’ rikors imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 iktar ’il fuq, kull Parti għandha tara li l-membri tal-pubbliku li jissodisfaw l-eventwali kriterji previsti mid-dritt nazzjonali tagħha jkunu jistgħu jibdew proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji sabiex jikkontestaw l-atti jew ommissjonijiet minn individwi jew minn awtoritajiet pubbliċi li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar l-ambjent.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4. Barra minn hekk, u bla ħsara għall-paragrafu 1, il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 iktar 'il fuq għandhom jipprovdu rimedji xierqa u effettivi, inklużi konformità permezz ta' ordni fejn ikun xieraq, u għandhom ikunu oġġettivi, ekwi u mingħajr dewmien u ma għandhomx jinvovlu spiża projbittiva. Id-deċiżjonijiet meħuda skont dan l-artikolu għandhom jingħataw jew għandhom jiġu rreġistrati bil-miktub. Id-deċiżjonijiet ta' qrati, u sa fejn possibbli, dawk ta' korpi oħrajn, għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku.

5. Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkunu iktar effettivi, kull Parti għandha tiżgura li l-pubbliku jkun informat bil-possibbiltà mogħtija lilu li jibda proċeduri ta' stħarriġ amministrattiv jew ġudizzjarju, u għandha tikkunsidra l-istabbiliment ta' mekkaniżmi xierqa ta' assistenza bil-ħsieb li jiġu eliminati jew imnaqqsa l-ostakoli finanzjarji jew ostakoli oħra li jfixklu l-aċċess għall-ġustizzja." [traduzzjoni mhux uffiċjali].

### *Id-dritt tal-Unjoni*

7 Id-Direttiva 85/337 kif emendata tipprevedi li l-proġetti pubbliċi u privati li jista' jkollhom effett qawwi fuq l-ambjent għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent. Hija tistabbilixxi wkoll rekwiżiti ta' parteċipazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-pubbliku fil-proċess ta' deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni ta' tali proġetti.

8 Wara l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni ta' Århus, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta d-Direttiva 2003/35, li l-punt 7 tal-Artikolu 3 tiegħu introduċa, fid-Direttiva 85/337, l-Artikolu 10a, li jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, skont is-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku kkonċernat:

a) li jkollu interess biżżejjed, jew alternattivament,

b) li jżommu [jinvokaw] l-indebboliment [ksur] ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala pre-kondizzjoni,

ikollhom aċċess għal rivista quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi għalbiex jisfida l-legalità sostanzjali jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet.

Dak li jikkostiwixxi interess suffiċjenti u l-indebboliment ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-mira li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat. Għal dan il-fini, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-ħtiġiet riferiti fl-Artikolu 1(2) għandu jitqies biżżejjed għall-għan tas-subparagrafu (a) ta' dan l-Artikolu. Dawn l-orgnizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti [jinkisru] għall-għan tas-subparagrafu (b) ta' dan l-Artikolu.

Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jeskludu l-possibbiltà ta' proċedura ta' rivista [stħarriġ] preliminari quddiem awtorità amminisrattiva u ma għandhomx jaffettwaw il-ħtieġa ta' l-eżawriment tal-proċeduri tar-rivista amministrattiva qabel ir-rikors għall-proċeduri tar-rivista ġudizzjarja, meta teżisti din il-ħtieġa taħt il-liġijiet nazzjonali.

Kull proċedura bħal din għandha tkun ġusta, retta, f'waqtha u ma tiswiex tant li tkun projbittiva.

Sabiex iżidu l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi jintgħamel tagħrif prattiku disponibbli lill-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduiri amministrativi u ġudizzjarji tar-rivista."

9 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/35/KE, "[l]-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-25 ta' Ġunju 2005. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih".

10 L-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendat ġie riprodott fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2012, L 26, p. 1).

### *Id-dritt Irlandiż*

11 Is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju Irlandiż għandha żewġ stadji. Ir-rikorrenti għandhom l-ewwel nett jitolbu lill-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) l-awtorizzazzjoni (*leave*) għal stħarriġ ġudizzjarju, billi jesponi l-motivi u t-talbiet tagħhom. Huwa biss jekk din tingħata l-awtorizzazzjoni li jista' jitressqu l-proċeduri.

12 Skont l-Artikolu 99 tar-Rules of the Superior Courts (ir-Regoli ta' Proċedura tal-Qrati Superjuri), "l-ispejjeż huma skont l-eżitu tal-kawża". Konsegwentement, rikorrent li jitlef huwa kkundannat, bħala prinċipju, li jbati l-ispejjeż tal-parti l-oħra minbarra l-ispejjeż tiegħu stess. Din hija r-regola ġenerali, iżda l-High Court (il-Qorti Għolja) għandha setgħa diskrezzjonali li titbiegħed minn din ir-regola, jekk iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ jiġġustifikaw dan.

13 Il-qorti adita bit-twilima tiddeċiedi biss dwar min għandu jbati l-ispejjeż. Sussegwentement, l-ammont tal-ispejjeż li għandhom jitħallsu mill-parti telliefa huwa stabbilit f'deċiżjoni separata mit-T*axing Maste*
r, imħallef inkarigat speċifikament bit-tassazzjoni tal-ispejjeż, fid-dawl tad-dokumenti ta' sostenn pprovduti mill-parti rebbieħa. Din id-deċiżjoni tista' tkun suġġetta għal appell.

14 Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-427/07, EU:C:2009:457, punti 92 sa 94), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Irlanda ma ttrasponietx fid-dritt nazzjonali r-regola li tinsab fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendata, li skontu l-ispiża tal-proċeduri għandha "ma tiswiex tant li tkun projbittiva".

15 Matul l-2011, sabiex tislet il-konsegwenzi tal-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fuq dan il-punt, l-Irlanda introduċiet, fil-Planning and Development Act (il-Liġi dwar l-Ippjanar u l-Iżvilupp) l-Artikolu 50B, li skontu, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-liġi, kull parti hija, bħala prinċipju, obbligata tbati l-ispejjeż tagħha. Mandankollu, din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli *ratione temporis* għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

### **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

16 Matul l-2004, il-Bord tat lil Maloney and Matthews Animal Collections Ltd permess għall-bini, f'Achonry, faċilità għall-ispezzjoni ta' annimali mejta fir-territorju Irlandiż kollu. Il-bini ta' din il-faċilità ġie deċiż fil-kuntest ta' miżuri meħuda bħala risposta għall-epidemija tal-enċefalopatija sponġiformi bovina.

17 Fl-24 ta' Ġunju 2004, V. Klohn, sid ta' razzett li jinsab ħdejn l-imsemmija faċilità, talab li jiġi awtorizzat jippreżenta rikors għal stħarriġ ġudizzjarju kontra dan il-permess ta' bini. Huwa ngħata l-awtorizzazzjoni mitluba fil-31 ta' Lulju 2007.

18 Permezz ta' sentenza tat-23 ta' April 2008, il-High Court (il-Qorti Għolja) ċaħdet ir-rikors ta' V. Klohn.

19 Fis-6 ta' Mejju ta' wara, dik il-qorti kkundannat lil parti kkonċernata għall-ispejjeż sostnuti mill-Bord. Din id-deċiżjoni ma ġietx ikkontestata.

20 Quddiem it-*Taxing Master* tal-High Court (il-Qorti Għolja), li huwa responsabbli li jikkwantifika l-ammont tal-ispejjeż li għandhom jiġu rrimborsati konformement mad-dritt nazzjonali, V. Klohn sostna li, konformement mal-Artikolu 3(8) u l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus kif ukoll l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 kif emendata, l-ispejjeż li għandu jħallas għandha "ma tiswiex tant li tkun projbittiva".

21 Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2010, it-*Taxing Master* qies li, skont id-dritt Irlandiż, ma kellux is-setgħa li jwettaq evalwazzjoni tan-natura projbittiva ta' din l-ispiża u kkwantifika l-ispejjeż li għandhom jiġu rrimborsati lill-Bord minn V Klohn għal madwar EUR 86 000.

22 Wara li ġiet adita mill-persuna kkonċernata b'talba għal reviżjoni tad-deċiżjoni tat-*Taxing Master*, il-High Court (il-Qorti Għolja) ikkonfermat din id-deċiżjoni.

23 V. Klohn ippreżenta appell mid-deċiżjoni tal-High Court (il-Qorti Għolja) quddiem is-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda).

24 Is-Supreme Court (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ir-rekwiżit ta' 'spiża mhux projbittiva' ['ma tiswiex tant li tkun projbittiva'] inkluż fl-Artikolu 10a tad-[Direttiva 85/337, kif emendata] jista' jiġi applikat f'kawża bħal dik inkwistjoni, fejn l-awtorizzazzjoni kkontestata ngħatat qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din l-aħħar direttiva u fejn il-proċedura għall-kontestazzjoni ta' din l-awtorizzazzjoni ġiet ukoll introdotta qabel din id-data? Jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv, dan ir-rekwiżit ta' "spiża mhux projbittiva" japplika għall-ispejjeż kollha sostnuti fil-kuntest ta' din il-proċedura jew biss għal dawk li ġew sostnuti wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni?

2) Il-qorti nazzjonali li għandha setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-kundanna tal-parti li titlef hija, fl-assenza ta' kull miżura speċifika adottata mill-Istat Membru kkonċernat fid-dawl tat-traspożizzjoni tal-Artikolu 10a tad-[Direttiva 85/337, kif emendata], obbligata, meta tiddeċiedi dwar l-ispejjeż fi proċedura li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni, tiżgura li d-deċiżjoni tagħha ma tirrendix l-ispiża tal-proċedura "projbittiva", jew minħabba li d-dispożizzjoni inkwistjoni jkollha effett dirett, jew minħabba li l-qorti nazzjonali għandha tinterpreta r-regoli nazzjonali ta' proċedura tagħha b'mod li, kemm jista' jkun possibbli, jissodisfa l-għanijiet tal-imsemmi Artikolu 10a?

3) Meta kundanna għall-ispejjeż ma tkunx ikkwalifikata u, minħabba l-assenza ta' kwalunkwe appell, titqies bħala finali u definittiva taħt id-dritt nazzjonali, id-dritt tal-Unjoni jeżiġi li jew
   a) Taxing Master inkarigat taħt id-dritt nazzjonali bil-kompitu li jikkwantifika l-ammont ta' spejjeż raġonevolment sostnuti mill-parti li tirbaħ, jew
   b) qorti mitluba li tistħarreġ mill-ġdid deċiżjoni ta' tali Taxing Master

   ikollhom madankollu obbligu li jiddevjaw minn miżuri normalment applikabbli tad-dritt nazzjonali u jiddeterminaw l-ammont tal-kundanna għall-ispejjeż li għandhom jingħataw b'tali mod li jiġi żgurat li l-ispejjeż hekk ordnati ma jirrendux il-proċeduri għoljin b'mod projbittiv?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq it-tieni domanda*

25 Permezz tat-tieni domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk ir-rekwiżit li l-ispiża ta' ċerti proċeduri ġudizzjarji fi kwistjonijiet ambjentali ma għandhiex tkun projbittiva (iktar 'il quddiem ir-"regola tal-ispiża mhux projbittiva"), li tinsab fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendata, għandhiex effett dirett jew jekk il-qorti nazzjonali għandha tinterpreta d-dritt nazzjonali biss b'mod li, b'kull mezz possibbli, jippermetti soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minn din ir-regola.

26 Il-kwistjoni tal-effett dirett ta' regola ta' spiża mhux projbittiva tqum fit-tilwima fil-kawża prinċipali minħabba n-nuqqas ta' traspożizzjoni, mill-Irlanda, tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendata, fit-terminu previst fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/35, jiġifieri mhux iktar tard mill-25 ta' Ġunju 2005. Dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ġie kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-427/07, EU:C:2009:457, punti 92 sa 94 u d-dispożittiv). Barra minn hekk, mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li regola nazzjonali ma ġietx adottata sabiex tittrasponi fid-dritt nazzjonali r-regola ta' spiża mhux projbittiva ħlief fl-2011, jiġifieri wara d-deċiżjoni fuq il-mertu li temmet il-proċedura ġudizzjarja li l-intaxxar tal-ispejjeż tagħha huwa inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali.

27 Hemm lok li jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni huma direttament applikabbli meta huma jagħtu lill-individwi drittijiet li huma jistgħu jinvokaw quddiem il-qrati fi Stat Membru (sentenza tal-4 ta' Diċembru 1974, van Duyn, 41/74, EU:C:1974:133, punti 4 u 8).

28 Dawn id-dispożizzjonijiet jimponu obbligu preċiż fuq l-Istati Membri li ma jeħtieġx l-adozzjoni ta' miżura oħra, la mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lanqas mill-Istati Membri, u li ma jħallilhom, għall-implimentazzjoni tagħha, l-ebda setgħa diskrezzjonali (sentenza tal-4 ta' Diċembru 1974, van Duyn, 41/74, EU:C:1974:133, punt 6).

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabel kollox, li l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337, kif emendata, jipprevedi biss li l-proċeduru ġudizzjarja kkonċernata "għandha tkun ġusta, retta, f'waqtha u ma tiswiex tant li tkun projbittiva". Minħabba n-natura ġenerali tal-kliem użat, huwa diffiċli li wieħed jaħseb kif dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala li jimponu obbligi suffiċjentement preċiżi fuq l-Istati Membri sabiex ma jiħteġux miżuri nazzjonali li jippermettu li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħhom.

30 Insegwitu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri għandhom, bis-saħħa tal-awtonomija proċedurali tagħhom u bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, marġni ta' diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendata (sentenzi tas-16 ta' Frar 2012, Solway *et*, C-182/10, EU:C:2012:82, punt 47, kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2013, Gemeinde Altrip *et*, C-72/12, EU:C:2013:712, punt 30).

31 Fl-aħħar nett u fuq kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-effett dirett tar-regola ta' spiża mhux projbittiva. Fil-fatt, din ir-regola tinsab ukoll, f'termini simili ħafna, fl-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Dan ix-xebh ma huwiex każwali, peress li d-Direttiva 2003/35, li daħħlet l-Artikolu 10a fid-Direttiva 85/337, kellha preċiżament l-għan li tallinja d-dritt Komunitarju mal-Konvenzjoni ta' Aarhus għall-approvazzjoni tagħha mill-Komunità, kif jirriżulta mill-premessa 5 tad-Direttiva 2003/35.

32 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Marzu 2018, North East Pylon Pressure Campaign u Sheehy (C-470/16, EU:C:2018:185, punti 52 u 58), li l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma huwiex direttament applikabbli.

33 Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tevalwax l-applikabbiltà diretta tal-istipulazzjonijiet ta' ftehim iffirmat mill-Unjoni skont kriterji oħra għajr dawk użati minnha sabiex tiddetermina jekk id-dispożizzjonijiet ta' direttiva humiex ta' applikabbiltà diretta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Settembru 1987, Demirel, 12/86, EU:C:1987:400, punt 4), jista' wkoll jiġi konkluż mis-sentenza msemmija fil-punt preċedenti li r-regola tal-ispiża mhux projbittiva li tinsab fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendata hija nieqsa minn effett dirett.

34 Minħabba l-assenza ta' effett direttt tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni tad-Direttiva 85/337 emendata u tat-traspożizzjoni tardiva tagħhom fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru kkonċernat, il-qrati nazzjonali ta' dan tal-aħħar huma marbuta, b'kull mezz possibbli, li jinterpretaw id-dritt nazzjonali mill-iskadenza tat-termini mogħti lill-Istati Membri sabiex jittrasponuhom, sabiex jintlaħaq l-għan segwit minn dawn id-dispożizzjonijiet, billi tingħata prijorità lill-interpretazzjoni tar-regoli nazzjoni li hija l-iktar konformi għal dan il-għan, u b'hekk tinkiseb soluzzjoni kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adelener *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 115 u d-dispożittiv).

35 L-għan segwit mil-leġiżlatur tal-Unjoni meta adotta r-regola tal-ispiża mhux projbittiva li tinsab fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendat jimplika li l-individwi ma għandhomx jiġu preklużi milli jressqu jew ikomplu rikors għal stħarriġ ġudizzjarja li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni minħabba l-ispiża finanzjarja li tista' tirriżulta minnha (sentenza tal-11 ta' April 2013, Edwards u Pallikaropoulos, C-260/11, EU:C:2013:221, punt 35). Dan l-għan, li huwa li jagħti lill-pubbliku kkonċernat aċċess għall-ġustizzja wiesa', jifforma parti, b'mod iktar ġenerali, mir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jippreserva, jipproteġi u jtejjeb il-kwalità tal-ambjent u li jagħti lill-pubbliku rwol attiv għal dan il-għan, kif ukoll sabiex jiżgura l-osservanza tad-dritt għal rimedju effettiv u tal-prinċipju ta' effettività (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' April 2013, Edwards u Pallikaropoulos, C-260/11, EU:C:2013:221, punti 31 sa 33).

36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata riposta għat-tieni domanda li l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendat għandu jiġi interpretat fis-sens li r-regola tal-ispiża mhux projbittiva li jistabbilixxi ma għandhiex effett dirett. Fl-assenza ta' traspożizzjoni ta' dan l-artikolu minn Stat Membru, il-qrati ta' dan tal-aħħar huma madankollu obbligati, b'kull mezz possibbli, li jinterpretaw id-dritt nazzjonali, mill-iskadenza tat-terminu previst għat-traspożizzjoni tal-imsemmi artikolu, b'tali mod li l-individwi ma għandhomx jiġu preklużi milli jntroduċu, jew jissoktaw talba għal stħarriġ ġudizzjarju li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu minħabba l-piż finanzjarju li jista' jirriżulta minnha.

### *Fuq l-ewwel domanda*

37 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-regola tal-ispiża mhux projbittiva prevista fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendata hijiex applikabbli għal proċedura bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ġiet introdotta qabel id-data ta' skadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' dan l-artikolu. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk l-imsemmija regola tapplikax għall-ispejjeż kollha sostnuti fil-kuntest ta' din il-proċedura jew għal dawk biss sostnuti wara l-iskadenza ta' dan it-terminu ta' traspożizzjoni.

38 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, regola ġdida tapplika immedjatament għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot taħt ir-reġim tar-regola qadima (sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen, C-334/07 P, EU:C:2008:709, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata; tas-6 ta' Lulju 2010, Monsanto Technology, C-428/08, EU:C:2010:402, punt 66, kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni v Andersen, C-303/13 P, EU:C:2015:647, punt 49).

39 Dan ikun differenti, u b'riżerva għall-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività ta' atti ġuridiċi, jekk ir-regola l-ġdida tkun akkumpanjata b'dispożizzjonijiet speċifiċi li jiddeterminaw b'mod speċjali l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni *ratione temporis* tagħha (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Stichting Natuur en Milieu *et*, C-266/09, EU:C:2010:779, punt 32).

40 B'hekk, l-atti adottati għat-traspożizzjoni ta' direttiva għandhom japplikaw għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li nħolqu taħt ir-reġim tal-liġi qadima, mid-data tal-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni, sakemm din id-direttiva ma tipprovdix mod ieħor.

41 Issa, id-Direttiva 2003/35 ma fiha l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni *ratione temporis* tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendat (sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Gemeinde Altrip *et*, C-72/12, EU:C:2013:712, punt 23).

42 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali adottati għat-traspożizzjoni ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll għall-proċeduri amministrattivi ta' awtorizzazzjoni pendenti fid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas- 7 ta' Novembru 2013, Gemeinde Altrip *et*, C-72/12, EU:C:2013:712, punt 31).

43 Meta ebda att ta' implimentazzjoni ma ġie adottat fit-terminu previst għal dan il-għan minn direttiva, bħalma huwa l-każ tat-tilwima fil-kawża prinċipali, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-obbligu li d-dritt nazzjonali jiġi interpretat skont ir-regola mhux trasposta japplika wkoll fil-kundizzjonijiet imfakkra fil-punti 39 u 40 ta' din is-sentenza, mill-iskadenza ta' dan it-terminu.

44 Fil-fatt, f'din l-aħħar sitwazzjoni, il-qorti nazzjonali għandha l-obbligu li tinterpreta d-dritt nazzjonali sabiex, sa fejn ikun possibbli, jintlaħaq ir-riżultat previst mid-dispożizzjonijiet mhux trasposti ta' direttiva, hekk kif tfakkar fil-punt 35 ta' din is-sentenza. Issa, l-applikabbiltà immedjata għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet eżistenti ta' regola ġdida li tirriżulta minn direttiva, mid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din tal-aħħar, hija parti minn dan ir-riżultat, sakemm id-direttiva ma tispeċifikax mod ieħor.

45 Għaldaqstant, il-qrati nazzjonali huma obbligati li jinterpretaw id-dritt nazzjonali, mill-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' direttiva li ma tkunx ġiet trasposta, b'mod li jrendu l-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li nħolqu taħt il-liġi antika immedjatament kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

46 Fid-dawl tal-għan segwit mir-regola ta' spiża mhux projbittiva, li jikkonsisti f'li jemenda l-allokazzjoni tal-ispejjeż f'ċerti proċeduri ġudizzjarji, proċeduri mressqa qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/35 għandha titqies bħala sitwazzjoni li nħolqot taħt is-sistema tal-liġi qadima. Barra minn hekk, id-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż, meħuda mill-qorti fi tmiem il-proċeduri, tirrappreżenta effett futur, kif ukoll inċert, tal-proċeduri pendenti. Konsegwentement, il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu, meta jiddeċiedu dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż fi proċeduri li kienu għadhom pendenti fid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva, li jinterpretaw id-dritt nazzjonali sabiex jaslu, sa fejn ikun possibbli, għal soluzzjoni konformi mal-għan imfittex mir-regola tal-ispiża mhux projbittiva.

47 F'dan ir-rigward, ma hemmx lok li ssir distinzjoni bejn l-ispejjeż, kif ġew esposti, fil-prattika, qabel jew wara l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni, peress li d-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż għadha ma seħħitx f'din id-data u li, għalhekk, l-obbligu li d-dritt nazzjonali għandu jiġi interpretat skont ir-regola tal-ispiża mhux projbittiva hija applikabbli għal din id-deċiżjoni, kif intqal fil-punt preċedenti. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-natura projbittiva tal-proċedura għandha tiġi evalwata globalment, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż kollha sostnuti mill-parti kkonċernata (sentenza tal-11 ta' April 2013, Edwards u Pallikaropoulos, C-260/11, EU:C:2013:221, punt 28).

48 Madankollu, l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' direttiva meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali huwa llimitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari minn dawk ta' ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività (sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, Ognyanov, C-554/14, EU:C:2016:835, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 F'dan ir-rigward, il-Bord isostni li l-applikabbiltà immedjata tar-regola tal-ispiża mhux projbittiva għall-proċeduri pendenti tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali. Hija tqis li r-regola ta' allokazzjoni tal-ispejjeż, kif kienet magħrufa mill-bidu tal-proċeduri, influwenzat l-ammont tal-ispejjeż li l-partijiet iddeċidew li għandhom jonfqu sabiex jiddefendu d-drittijiet tagħhom.

50 Barra minn hekk, il-prinċipju ta' ċertezza legali, li għandu bħala korollarju tiegħu l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, jirrkjedi, b'mod partikolari, li d-dispożizzjonijiet legali jkunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, b'mod partikolari meta dawn jista' jkollhom konsegwenzi żvantaġġużi għall-individwi u għall-impriżi (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2017, Unibet International, C-49/16, EU:C:2017:491, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Barra minn hekk, id-dritt li wieħed jibbaża ruħu fuq il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi huwa estiż għal kull individwu li jinsab f'sitwazzjoni li minnha jirriżulta li l-awtorità kompetenti, billi tatu garanziji preċiżi, ħolqitlu aspettattivi fondati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Nuova Agricast u Cofra vs Il-Kummissjoni, C-67/09 P, EU:C:2010:607, punt 71).

52 Madankollu, fil-proċeduri inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li l-partijiet ma rċevew ebda garanzija fir-rigward taż-żamma fis-seħħ tar-regola ta' allokazzjoni tal-ispejjeż sal-konklużjoni tal-proċeduri. Għall-kuntrarju, mill-bidu ta' dawn il-proċeduri, fl-24 ta' Ġunju 2004, meta V. Klohn talab l-awtorizzazzjoni sabiex jippreżenta rikors għal stħarriġ ġudizzjarju, huma setgħu jipprevedu, fid-dawl tal-obbligi li jirriżultaw, għall-Irlanda, mid-Direttiva 2003/35, li daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2003, li din ir-regola għandha tiġi emendata f'qasir żmien u sa mhux iktar tard mill-25 ta' Ġunju 2005, jiġifieri probabbilment qabel it-tmiem tal-imsemmija proċeduri. B'mod partikolari, l-Irlanda u l-Bord bħala korp ta' dan l-Istat Membru ma jistgħux jibbażaw ruħhom fuq aspettattiva leġittima fiż-żamma ta' regola li l-Irlanda, minkejja l-obbligu li saritilha li temenda fit-termini previst minn din id-direttiva, naqset milli temenda, kif ikkonstatat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-427/07, EU:C:2009:457).

53 Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jistax jiġi estiż sal-punt li jipprevjeni, ġeneralment, milli tapplika regola ġdida għall-effetti futuri ta' sitwazzjonijiet li nħolqu taħt ir-reġim tar-regola qadima (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Andersen, C-303/13 P, EU:C:2015:647, punt 49).

54 B'hekk, il-Bord ma għandux raġun issostni li l-prinċipju ta' ċertezza legali jipprekludi l-obbligu li għandhom il-qrati nazzjonali li jinterpretaw id-dritt nazzjonali skont ir-regola tal-ispiża mhux projbittiva meta huma jiddeċiedu dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż.

55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata risposta għall-ewwel domanda li l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 emendat għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi huwa impost fuq il-qrati ta' Stat Membru, meta jiddeċiedu dwar

l-allokazzjoni tal-ispejjeż fil-proċeduri ġudizzjarji li kienu pendenti fid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tar-regola tal-ispiża mhux projbittiva prevista f'din id-dispożizzjoni, indipendentement mid-data li fiha dawn l-ispejjeż ġew sostnuti matul il-proċeduri kkonċernati.

***Fuq it-tielet domanda***

56 Sabiex tinftiehem aħjar it-tielet domanda, għandu jitfakkar, qabel kollox, li l-proċedura Irlandiża dwar l-ispejjeż issir f'żewġ stadji. Wara d-deċiżjoni tagħha fuq il-mertu, il-qorti adita bit-tilwima għandha tiddeċiedi l-ewwel fuq it-tqassim tal-piż tal-ispejjeż. Insegwitu, it-*Taxing Master* jiffissa l-ammont tagħhom, taħt l-istħarriġ ta' qorti, jiġifieri l-High Court (il-Qorti Għolja), imbagħad, jekk ikun il-każ, is-Supreme Court (il-Qorti Għolja).

57 Skont l-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju dwar il-proċedura inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-High Court (il-Qorti Għolja), wara li ċaħdet ir-rikors ta' V. Klohn, ikkundannat lil dan tal-aħħar, fis-6 ta' Mejju 2008, ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Bord, skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qrati Superjuri, li jgħid li "l-ispejjeż huma skont l-eżitu tal-kawża". Din id-deċiżjoni saret definittiva, minħabba li ma kinitx ġiet ikkontestata fit-termini preskritti. It-*Taxing Master* ikkwantifika l-ispejjeż li għandhom ikunu rrimborsati lill-Bord minn V. Klohn għal madwar EUR 86 000, permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2010, li ġiet ikkontestata quddiem il-High Court (il-Qorti Għolja), u sussegwentement quddiem il-qorti tar-rinviju.

58 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, it-tielet domanda għandha tinftiehem bħala li hija intiża sabiex tkun taf jekk, fit-tilwima fil-kawża prinċipali, fid-dawl tal-awtorità ta' *res judicata* marbuta mad-deċiżjoni tal-High Court (il-Qorti Għolja) tas-6 ta' Mejju 2008, li saret definittiva fir-rigward tat-tqassim tal-ispejjeż, il-qrati nazzjonali li jiddeċiedu fuq ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent fil-kawża prinċipali kontra d-deċiżjoni tat-*Taxing Master* li jiffissa l-ammont tal-ispejjeż huma marbuta li jinterpretaw id-dritt nazzjonali b'tali mod li dan ir-rikorrent ma jbati ebda spiża projbittiva.

59 Skont ġurisprudenza stabbilita, meta japplikaw id-dritt intern, il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jinterpretaw b'kull mezz possibbli fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jilħqu r-riżultat intiż minnha u, għaldaqstant, jikkonformaw ruħhom mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 288 KE (sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adelener *e*t, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 108 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

60 Ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali huwa fil-fatt inerenti għas-sistema tat-Trattat FUE minħabba li dan jippermetti lill-qrati nazzjonali li jiggarantixxu, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni meta huma jiddeċiedu l-kawżi li jitressqu quddiemhom (sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adelener *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 109 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61 Madankollu, il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali għandu ċerti limiti.

62 Minn naħa, kif diġà ġie msemmi fil-punt 48 ta' din is-sentenza, l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' direttiva meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt.

63 F'dan ir-rigward, il-prinċipju tal-awtorità tar-*res judicata* għandu, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, importanza partikolari. Fil-fatt, sabiex jiġu ggarantiti kemm l-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa importanti li ma jkunx possibbli li jitqiegħdu iktar fid-dubju d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru definittivi wara li jkunu ġew eżawriti d-drittijiet ta' appell disponibbli jew wara li jkunu skadew it-termini previsti għal dawn id-drittijiet (sentenza tal-11 ta' Novembru 2015, Klausner Holz Niedersachsen, C-505/14, EU:C:2015:742, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Barra minn hekk id-dritt tal-Unjoni ma jimponix l-obbligu li ma jiġux applikati r-regoli ta' proċedura nazzjonali li jagħtu l-awtorità tar-*res judicata* lil deċiżjoni ġudizzjarja (sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Di Puma u Consob, C-596/16 u C-597/16, EU:C:2018:192, punt 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

65 Min-naħa l-oħra, l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi jintemm meta d-dritt nazzjonali ma jistax jiġi interpretat b'mod li jwassal għal riżultat kompatibbli ma' dak previst mid-direttiva inkwistjoni. Fi kliem ieħor, il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tal-liġi nazzjonali (sentenzi tal-4 ta' Lulju 2006, Adelener *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 110, kif ukoll tal-15 ta' April 2008, Impact, C-268/06, EU:C:2008:223, punt 100).

66 Għandu jiġi enfasizzat li, meta tiġi adita skont l-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tevalwa jekk il-limiti msemmija iktar 'il fuq jipprekludux interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali konformi ma' regola tad-dritt tal-Unjoni. B'mod ġenerali, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, li tinterpreta d-dritt nazzjonali (sentenza tal-1 ta' Diċembru 1965, Dekker, 33/65, EU:C:1965:118), peress li hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, Ottica New Line, C-539/11, EU:C:2013:591, punt 48).

67 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-awtorità tar-*res judicata* marbuta mad-deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2008 li biha l-High Court (il-Qorti Għolja) ordnat li huwa V. Klohn li għandu jbati l-ispejjeż tal-proċeduri kkonċernati, sabiex jiġi ddeterminat jekk u sa fejn interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali konformi mar-regola ta' spiża mhux projbittiva hijiex possibbli fit-tilwima fil-kawża prinċipali.

68 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' biss tagħti indikazzjonijiet intiżi sabiex jiggwidaw lill-qorti tar-rinviju fl-evalwazzjoni tagħha (sentenza tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et*, C-255/02, EU:C:2006:121, punt 77) u li tindikalha liema interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali tissodisfa l-obbligu tagħha li tinterpretah konformement mad-dritt tal-Unjoni.

69 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li d-deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2008 li permezz tagħha l-High Court (il-Qorti Għolja) iddeċidiet dwar it-tqassim tal-ispejjeż, inklużi b'mod partikolari l-ispejjeż sostnuti mill-Bord li għandu jbatihom V. Klohn, ma għandhiex l-istess għan bħad-deċiżjoni tat-*Taxing Master* li tat bidu għall-proċeduri ġudizzjarji quddiem il-qorti tar-rinviju, sa fejn, b'mod partikolari, din id-deċiżjoni ma stabbilixxietx l-ammont eżatt tal-ispejjeż li għandu jbatihom ir-rikorrent fil-kawża prinċipali. Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju tal-awtorità tar-*res judicata* jestendi biss għall-pretensjonijiet ġuridiċi li fuqhom il-qorti tkun iddeċidiet. Għaldaqstant ma hijiex, ta' ostakolu la għat-*Taxing Master* u lanqas għal qorti li tiddeċiedi, fil-kuntest ta' tilwima sussegwenti, fuq punti ta' liġi li fuqhom din id-deċiżjoni definittiva ma ppronunzjatx ruħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2015, Klausner Holz Niedersachsen, C-505/14, EU:C:2015:742, punt 36).

70 Barra minn hekk, interpretazzjoni li tikkonsisti f'li jitqies li, fid-dawl tar-rabta mill-qrib bejn id-deċiżjoni dwar min għandu jbati l-ispejjeż u dik li tistabbilixxi l-ammont tagħhom, il-Bord ikollu dritt li jitlob lura l-ispejjeż kollha raġonevolment sostnuti għad-difiża tagħha, tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali u tar-rekwiżit ta' prevedibbiltà tal-liġi tal-Unjoni. Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 114 tal-konklużjonijiet tiegħu, V. Klohn ma kienx f'pożizzjoni li jkun jaf, sad-deċiżjoni tat-*Taxing Maste*r, mogħtija iktar minn sena wara d-deċiżjoni li tikkundannah għall-ispejjeż, l-ammont tal-ispejjeż li jista' jkollu jirrimborsa lill-partijiet rebbieħa u lanqas, konsegwentement, li jikkontesta b'għarfien sħiħ tal-fatti l-ewwel waħda mill-imsemmija deċiżjonijiet. L-ammont tal-ispejjeż li jistgħu jiġu rkuprati mill-Bord kif deċiż mit-*Taxing Maste*r kien saħansitra inqas prevedibbli mill-persuna kkonċernata peress li kien kważi tliet darbiet minn dak tal-ispejjeż li huwa stess kien sostna fil-kuntest tal-proċedura kkonċernata.

71 Għandha, għaldaqtsant, tingħata risposta għat-tielet domanda preliminari li l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi huwa tal-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi fuq l-ammont tal-ispejjeż li, sa fejn l-awtorità tar-*res judic*ata li hija marbuta mad-deċiżjoni, saret finali, dwar it-tqassim tal-ispejjeż ma jipprekludix dan, u hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan.

**Fuq l-ispejjeż**

72 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata mid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rekwiżit li l-ispiża ta' ċerti proċeduri ġudizzjarji fil-qasam tal-ambjent ma għandhiex tkun projbittiva li jistabbilixxi li ma għandux effett dirett. Fl-assenza ta' traspożizzjoni ta' dan l-artikolu minn Stat Membru, il-qrati ta' dan tal-aħħar huma madankollu obbligati, b'kull mezz possibbli, li jinterpretaw id-dritt nazzjonali, mill-iskadenza tat-terminu previst għat-traspożizzjoni tal-imsemmi artikolu, b'tali mod li l-individwi ma għandhomx jiġu preklużi milli jintroduċu, jew jissoktaw b'talba għal stħarriġ ġudizzjarju li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu minħabba l-piż finanzjarju li jista' jirriżulta minnha.**

2) **Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337, kif emendata bid-Direttiva 2003/35, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi huwa impost fuq il-qrati ta' Stat Membru, meta jiddeċiedu dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż fil-proċeduri ġudizzjarji li kienu pendenti fid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tar-rekwiżit li l-ispiża ta' ċerti proċeduri ġudizzjarji fil-qasam tal-ambjent ma għandhiex tkun projbittiva, previst f'dan il-ħames subparagrafu ta' dan l-Artikolu 10a, indipendentement mid-data li fiha dawn l-ispejjeż ġew sostnuti matul il-proċeduri kkonċernati.**

3) **Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337, kif emendat bid-Direttiva 2003/35, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi huwa tal-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi fuq l-ammont tal-ispejjeż li, sa fejn l-awtorità tar-*res judic*ata li hija marbuta mad-deċiżjoni, saret finali, dwar it-tqassim tal-ispejjeż ma jipprekludix dan, u hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan.**

Firem